# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tas-6 ta' Mejju 2024**

**Talba nru. 105/2020 IS**

**ROXANNE FARRUGIA (I.D. 173992 (M))**

***VERSUS***

**CENTRAL BUSINESS CENTRE P.L.C (C 65702)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2020 (a fol. 1 u 2), l-attriċi talbet l-ammont ta' disa' mija u wieħed u disgħin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 991.26) mis-soċjeta' konvenuta rappreżentanti danni sofferti fil-vettura tagħha bin-numru tar-reġistrazzjoni JBX 734 kif ukoll l-imgħax u l-ispejjeż.

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fit-28 ta' Settembru 2020 (a fol. 30).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fis-16 ta' Jannar 2023, l-attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 126).

Ra illi fit-3 ta' Ottubru 2023, is-soċjeta' konvenuta għalqet il-provi tagħha (a fol. 130).

Ra illi fis-6 ta' Novembru 2023, il-partijiet kollha għalqu l-provi tagħhom (a fol. 136).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Ma hux fatt kontestat bejn il-partijiet illi l-attriċi hija s-sid tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBX 734.

Ma hux anqas fatt kontestat bejn il-partijiet illi l-vettura tal-attriċi hawnhekk imsemmija ġarrbet ħsarat fit-13 ta' Frar 2020 meta kienet ħierġa mill-garaxx proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta fi Triq l-Imdina Ħaż-Żebbuġ.

Il-punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet hu jekk tali ħsarat humiex konsegwenza ta' negligenza min-naħa tal-attriċi jew min-naħa tas-soċjeta' konvenuta.

L-attriċi jew is-soċjeta' konvenuta huma responsabbli għall-ħsarat illi ġarrbet il-vettura hawn fuq imsemmija

Bħala punt tat-tluq, l-ewwel punt illi għandu jkun eżaminat huwa l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi "*Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*" u l-Artikolu 1032 imbagħad jispjega xi tfisser meta persuna tkun bi ħtija. Tali artikolu tal-Liġi ġie wkoll diskuss fid-dettall mill-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Margaret Mary Barry (Passaport Irlandiż numru PD9840331) v. Ic-Chairman u l-Bord tad-Diretturi Ajruport Internazzjonali ta' Malta Malta International Airport plc*** datata 16 ta' Mejju 2023[1], fejn intqal illi "*Fi ftit kliem, iwieġeb għal ħsara ta' ħadd dak li b'għemilu mingħajr ħtieġa ta' ħsieb anzi b'nuqqas tiegħu jikkawża danni lil ħadd. Dan in nuqqas ta' ħsieb irid iwassal għal xi nuqqas ta' osservanza ta' obbligu taħt il-liġi imnissel mill-prinċipju ta' "duty to take due care". Dan huwa ukoll konformi mal-prinċipju l-ieħor ġenerali li huwa "d-dover li jiehu hsieb li ma jigrix id-dannu hu ta' min ikun ser jaghmel l-att li mbaghad igib id-dannu" (Vol. XLII P I p 7). Issa bil-kelma "att" il-liġi tifhem, kemm jekk ikun wieħed b'kummissjoni u anke b'ommissjoni, bħal meta n-nuqqas ta' manutenzjoni ta' propjeta' tikkawża dannu lil ħadd ieħor.*"

F'dan ir-rigward, it-Tribunal jirreferi għall-*istatement of facts* ippreżentat mill-attriċi nnifisha, u li jinsab a fol. 17 sa 20, fejn hija qalet illi "*On that particular day, I had noticed that the garage shutter wasn't working well as it usually does…*" (a fol. 17) u anke reġgħet xehdet u kkonfermat tali punt fit-3 ta' Ġunju 2021, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 51, meta xehdet is-segwenti:

"*Dr. Maria Grima: Dak inhar inti kont taf li l-garaxx mhux qed jahdem.*
*Xhud: Iva.*"

Inoltre', mad-daqqa t'għajn jidher illi s-soċjeta' konvenuta dejjem aġixxiet b'ħila hekk kif rikjesta skond l-Artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex skond ix-xhieda ta' Ivan Bajada tad-19 ta' Ottubru 2021, li hu *administration manager* ma' Alfred

[1] Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 401/2019

Baldacchino Limited, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 79, is-soċjeta' konvenuta iffirmat *maintenance agreement* mal-imsemmija soċjeta'. Ix-xhud Ivan Bajada, li hu *administration manager* ma' Alfred Baldacchino Limited, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 79, xehed fid-19 ta' Ottubru 2021, illi għamlu manutenzjoni fuq l-imsemmi garaxx fl-aħħar sentejn tliet darbiet b'dan illi juri illi s-soċjeta' konvenuta kienet tieħu ħsieb tara illi l-bieb tal-garaxx u l-garaxx kollu jaħdem sew. Ukoll, f'dan ir-rigward, l-irċevuta li tinsab a fol. 66, turi illi dakinhar tal-inċident il-bieb tal-garaxx kien qed jaħdem sew, u b'dan illi dan l-argument kollu jorbot ma' dak analizzat iktar 'il fuq fir-rigward ta' dak li tipprovdi l-Liġi u l-ġurisprudenza tagħna.

Inoltre', dakinhar tal-inċident, waħda mill-persuni responsabbli fi ħdan is-soċjeta' konvenuta, Marthese Cortis, kienet bagħtet *email*, u liema kopja tal-*email* tinsab a fol. 28, sabiex tinforma lill-persuni illi kienu fil-binja illi kienu ser isiru xi tiswijiet dakinhar tal-inċident.

Għaldaqstant, ix-xhieda ta' Mark Vella Bonanno, li tinsab a fol. 39 sa 43, datata 11 ta' Frar 2021, meta huwa jixhed illi tali *shutter* kellu diversi problemi fil-passat ma tistax titqies ta' relevanza fir-rigward tal-ġurnata tal-inċident. Anqas dan it-Tribunal ma jista' jaċċetta l-argument tal-attriċi illi erbat ijiem wara d-data tal-inċident, saru xi tibdiliet oħra fil-bieb tal-garaxx għaliex tali irċevuta hawnhekk imsemmija a fol. 66 qed turi li l-bieb tal-garaxx jiffunzjona sew kien. Għalkemm tali irċevuta ma ssemmi ebda ħin, l-attriċi stess ammettiet illi kien hemm il-ħaddiema fis-sigħat bikrijin ta' wara nofsinhar u ċioe' qabel sew ma telqet hi mill-post tax-xogħol. Dan wieħed ma jridx jinsa illi tali irċevuta ġiet prodotta mill-attriċi bħala evidenza, anke jekk Ivan Bajada kien hemm mumenti fix-xhieda tiegħu fejn beda jqis li ma jistax jikkonferma għall-liema bieb ta' garaxx kienu jirreferu l-irċevuti illi l-attriċi ippreżentat.

Dan it-Tribunal hu tal-fehma illi s-soċjeta' konvenuta dejjem aġixxit skond dak li titlob il-Liġi anke minn studju iktar profondit tal-provi prodotti fejn dan it-Tribunal jinnota illi filwaqt illi ir-ritratti li jinsabu a fol. 149 u 150, juru li ma hemmx sensors u għalhekk tali bieb tal-garaxx jibqa' nieżel, skond ix-xhieda ta' Joseph Cortis datata 6 ta' Novembru 2023, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 146, hemm żewġ sensors fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieb tal-garaxx.

Inoltre', skond ix-xhieda ta' Joseph Cortis datata 6 ta' Novembru 2023, illi huwa ic-*chief executive officer* tas-soċjeta' konvenuta. meta mistoqsi x'jiġri jekk il-vettura tkun qed tiġi misjuqa sabiex toħroġ mill-garaxx, huwa xehed is-segwenti:

"*Xhud: Le. Jekk inti qieghda fil-bieb le, jitla' wahdu. Jigifieri u jasal ftit il fuq u jitla' wahdu.*
…
*Dr. Andre' Borg: Naqblu, fi kliem semplici hafna s-sensors qeghdin hemm biex jekk tkun ghaddejja vettura jew tqarreb vettura l-garaxx ma jibqax niezel fuq dik il-vettura naqblu? Ghalhekk qeghdin hekk.*
*Xhud: Iva.*"

Jidher illi Joseph Cortis kien qed jispjega l-fatti kif verament huma għaliex Mark Vella Bonanno, li huwa xhud prodott mill-attriċi, u li kien jimpjega lill-attriċi fiż-żmien tal-inċident,

xehed fil-5 ta' Lulju 2022, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 124, illi "*Is-sensor kif jitrekjani bil-karozza taht il-garaxx kien jieqaf u jerga' jitla' 'l fuq.*"

Biss pero', dan it-Tribunal ma jaqbel xejn ma dak li xehed Joseph Cortis meta qal illi wieħed m'għandu qatt joħroġ mill-garaxx billi jirriversja u dan għaliex jekk is-sensors ikunu qed jaħdmu kif suppost u jkunu mwaħħla fejn suppost, il-bieb tal-garaxx ma jinżilx. Dan it-Tribunal anqas ma jista' jaċċetta t-teżi ta' Joseph Cortis illi kien hemm 'il bogħod mir-rampa sal-bieb tal-garaxx għaliex għal darb'oħra, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi jekk is-sensors ikunu qed jaħdmu kif suppost u jkunu mwaħħla fejn suppost, il-bieb tal-garaxx ma jinżilx fuq il-vettura imma *se mai* jingħalaq qabel il-vettura tasal fejn il-bieb tal-garaxx.

B'dan illi għaldaqstant, mill-qari tal-Liġi hekk kif prodotti iktar 'il fuq u mill-provi prodotti, jidher illi is-soċjeta' konvenuta ma kinitx negliġenti dakinhar tal-inċident, u dan għaliex minbarra li dejjem ħadet ħsieb il-ħsarat, dakinhar tal-inċident, kellha irċevuta mingħand is-soċjeta' li ġiet tirranġa l-ħsara illi l-bieb tal-garaxx kien qed jaħdem sew, u liema irċevuta kienet ippreżentata mill-attriċi bħala prova. Dan it-Tribunal jifhem illi persuna illi ma tkunx teknika fix-xogħol, tirċievi irċevuta illi tgħid illi l-bieb tal-garaxx qed jaħdem sew tassumi illi dan huwa minnu b'dan illi l-argument illi erbat ijiem wara reġa' kien hemm iktar tiswijiet ma jfissirx illi fil-ġurnata tal-inċident is-soċjeta' konvenuta kienet negliġenti. Inoltre', kien imiss lill-attriċi illi *se mai* tibqa' tinsisti fuq xhieda ta' rappreżentant tas-soċjeta' illi ħarġet tali irċevuta sabiex tifhem għala il-ħaddiema indikaw illi tali bieb tal-garaxx kien qed jiffunzjona sew u sehh dak l-inċident u mhux irrinunzjaw għal tali xhud (a fol. 126).

B'dan illi pero' fil-verita' dan it-Tribunal jinnota illi anke jekk ġieli kien hemm ħsarat qabel ma jistax jingħad illi l-attriċi kellha ħtija u anqas is-soċjeta' konvenuta ma kellha ħtija b'dan illi għaldaqstant, it-Tribunal irid jirreferi għall-Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi illi "*Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.*" Skond il-ġurisprudenza tagħna, u dan fost oħrajn kif diskuss fis-sentenza ***Kevin Camilleri (K.I. 0024183M) v. Emanuel Grixti (K.I. 0128558M)***[2] "*biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' ommissjoni jew nuqqas) tal-bniedem [fn. 10 App.Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Elmo Insurance vs Joseph Micallef et]. Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, (sottolinear ta' din il-Qorti) b'mod li ma tistax tiġi evitata bid-diliġenza ordinarja tal bonus pater familias." [fn. 11 P.A. 7.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet Micallef vs Belle McCance noe (Kollez. Vol: XXXVII.ii. 636)]. Hekk ukoll bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid ta' bilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu: "inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part." [fn. 12 Charlesworth Law of Negligence (2nd. Edit) pġ.*

[2] 12 ta' Ġunju 2020, Qorti tal-Appell, Ref.: 305/2015/1

*509].*" B'dan illi tali Artikolu jista' jkun applikabbli fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta għaliex dan kien aċċident sfortunat u mhux nuqqas ta' negliġenza, a differenza tas-soċjeta' illi ġiet tirranġa tali bieb tal-garaxx.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-attriċi.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-attriċi.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur